**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, tnax (12) ta' Novembru 2024

Kawża Nru 590/2022

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Bernard Charles Spiteri)**

Vs

**Jonathan Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Jonathan Muscat**, iben John u Ġemma nee Cauchi, imwieled l-Awstralja fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 1981 u residenti "Our Nest", Triq Papa Ljun XIII, Nadur, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 162899(M) talli fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awissu 2022 għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' wara

nofsinhar (14:30hrs) ġewwa l-fond "Our Nest", Triq Papa Ljun XIII, Nadur, Għawdex:

(1) inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku u ċioe ufficjali ta' ERA Gilbert Haber u Maria Attard waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is- servizz;[1]

(2) verbalment inġurja jew hedded lill-Uffiċjali Pubblici Gilbert Haber u lil Maria Attard, jew ipprovoka, inġurja jew b' mod ieħor ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;[2]

(3) kif ukoll talli fl-istess jum, ħin u ċirkustanzi, ostakola, hedded, ta fastidju jew fixkel lil xi uffiċjal tal-Awtorita, jew lil qrabatu, jew lil uffiċjal tal-Pulizija jew uffiċjal pubbliku, jew uffiċjal ta' xi dipartiment tal-Gvern jew ta' xi entita tal-Gvern jew ta' xi kunsill Lokali, fil-qadi ta' dmirijietu skont il-liġi, jew naqas milli jagħmel dak li raġonevolment intalab jagħmel minn dik il-persuna kif imsemmi jew milli jgħinha fil-qadi ta' dmirijietha, jew xjentement ta lil dik il-persuna informazzjoni falza jew naqas jew irrifjuta li jagħti xi informazzjoni meħtieġa;[3]

---

[1] Artikolu 95 tal-Kap. 9
[2] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9
[3] Artikolu 84(1)(d) tal-Kap. 549

F' każ ta' ħtija l-Qorti ġiet ġentilment mitluba li tapplika l-Artikolu 382A u 383 tal-Kap 9, skond kif jidhrilha xieraq u anke f'każ ta' ħtija, jeħel multa ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt ewro (€ 1,500) u mhux aktar minn żewġ miljuni u ħames mitt elf ewro (€ 2,500,00) u dwar reat taħt il-paragrafu (d) jew reat taħt il-paragrafu (c), jekk ir-reat ikompli għal aktar minn tliet xhur, jeħel ukoll priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur u mhux iżjed minn tliet snin kif jipprovdi l-artikolu 84 tal-Kap 549.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jiddikjaraw fis-seduta tad-disgħa (9) ta' Lulju 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid id-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awissu 2022, l-uffiċjali tal-ERA Gilbert Haber u Maria Attard ġew mitluba mill-Pulizija sabiex jassistuhom wara li kien ġie esegwit mandat ta' arrest u tfittija fir-residenza tal-akkużat Jonathan Muscat bl-indirizz "Our Nest", Triq Papa Ljun XIII, Nadur, Għawdex. Dan għaliex kienu instabu numru ta' għasafar u riedu jiġu stabbiliti r-razzez tat-tjur misjuba. Waqt li Gilbert Haber kien qed jagħmel l-ispezzjoni u l-indaġni tiegħu, huwa talab lill-akkużat għad-dokumenti konċernanti pappagall partikolari li instab fir-residenza tal-istess akkużat. Għall-ewwel l-akkużat wieġeb li dan il-pappagall kien ġabu mingħand persuna oħra iżda ma setax jiftakar minn kien tahulu. Meta imbagħad l-istess uffiċjali bdew jispjegawlu li huwa ried jipprovdi xi forma ta' dokument sabiex tkun tista' tiġi stabbilita l-provenjenza legali tal-istess, it-ton tal-akkużat beda jinbidel u dan sar aggressiv. Infatti beda jirrabbja u jsabbat fuq mejda u beda jindirizza kliem fil-konfront tal-uffiċjal Gilbert Haber li: *"jekk jeħel one cent fuq dan il-pappagall int ħa teħel miegħi …. Jekk jiġrilu xi ħaġa l-missieri li għadu kif għamel il-bypass nitħnek …. U nkellem lil min għandi nkellem u tinsewh ix-xogħol."* L-ispezzjoni waqfet hemm u Gilbert Haber mar l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex fejn intavola rapport dwar dak li kien seħħ. Aktar tard l-akkużat intalab imur l-Għassa tal-Pulizija. Huwa ingħata d-drittijiet legali tiegħu u wara li ikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu huwa għażel li jibqa' sieket u li ma jagħti l-

ebda stqarrija lill-Pulizija.  Eventwalment inħarġu dawn l-akkużi fil-konfront tiegħu.

Ikkunsidrat;

- **<u>L-Ewwel (1) Akkuża – Artikolu 95 tal-Kap. 9</u>**

L-Artikolu 95 tal-Kap. 9 jistabilixxi li:

> *"Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (€ 800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)."*

Għall-fini ta' sejbien ta' ħtija fit-termini ta' dan l-artikolu, irid jiġi pruvat li l-akkużat għamel xi waħda mit-tlett azzjonijiet identifikati fl-istess

artikolu u ċioe li jew jkun insulta, jew hedded jew jkun ikkaġuna offiża fuq il-persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku. Jekk il-Prosekuzzjoni jirnexxielha tipprova xi waħda minn dawn l-azzjonijiet, allura dan jkun suffiċjenti għal sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu, dejjem jekk jkun hemm l-element intenzjonali rikjest.

Il-Professur Mamo huwa u jikkummenta fuq l-artikolu 93 tal-Kodiċi Kriminali (liema kummentarju huwa japplikah wkoll għall-artikolu 95) jistqarr li kwalsiasi insult jew theddida hija suffiċjenti biex tikkostitwixxi l-*actus reus* ta' dan ir-reat. Huwa essenzjali wkoll li l-insulti, it-theddid jew l-offiża tiġi diretta kontra uffiċjal pubbliku waqt li dan jkun qed jaqdi d-dmirijiet tiegħu.

Minn eżami tal-atti proċesswali huwa ċar li Gilbert Haber u Maria Attard kienu marru fid-dar ta' residenza tal-akkużat fil-kwalita tagħhom ta' uffiċjali pubbliċi sabiex jgħinu lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet li kienu qegħdin jagħmlu b'rabta man-numru ta' eżemplari ta' għasafar li instabu fir-residenza tal-akkużat. Tant kemm kienu qegħdin jaġixxu fil-vesti uffiċjali tagħhom, li l-istess Gilbert Haber fid-deposizzjoni tiegħu jistqarr kif hu personali kien anke ta lill-akkużat il-*caution* neċessarja għal kull mistoqsija li seta' jagħmillu rigward ix-xogħol tiegħu. L-akkużat kien wkoll konxju tal-vesti uffiċjali ta' Haber u l-kollegi tiegħu, anke għaliex wkoll din l-ispezzjoni kienet qed issir wara li kien ġie esegwit mill-Pulizija mandat ta' arrest u tfittxija in konnessjoni ma tajt protett li seta' kien hemm fir-residenza tal-akkużat. Konferma li l-istess akkużat kien

konxju tal-posizzjoni tal-vesti uffiċjali tal-persuni li marru fir-residenza tiegħu huwa l-fatt li meta għall-ewwel bdew jistaqsuh fuq id-dokumentazzjoni tal-pappagall huwa beda jindirizza kliem fis-sens li huma kienu imqabbdin miegħu. Apparti minn hekk kif anke ħareġ mix-xhieda ta' Nicholas Grech, din ma kinitx l-ewwel darba li huma bħala uffiċjali kienu għamlu spezzjoni fir-residenza tal-akkużat u għalhekk ma setax ikun li l-akkużat ma kienx konxju mill-vesti uffiċjali ta' dawn il-persuni. Il-posizzjoni uffiċjali tagħhom ġiet wkoll konfermata mid-dokumenti uffiċjali li ġew preżentati fil-kors ta' dawn il-proċeduri.

Il-Qorti eżaminat ix-xhieda mogħtija mill-uffiċjali li kienu preżenti fir-residenza tal-akkużat u m'għandha l-ebda dubju li l-akkużat infexx fi kliem ta' theddid meta l-uffiċjali tal-ERA bdew jispjegawlu li huwa ried ikollu xi forma ta' dokumentazzjoni biex tipprova s-sors legali tal-pappagall li kien instab fir-residenza tiegħu. Huwa ovvju li l-akkużat ma kienx fil-posizzjoni li jipprovdi din id-dokumentazzjoni. Infatti għall-ewwel beda jinsisti li l-pappagall kien tahulu xi ħadd li ma setax jiftakar min kien, ħaġa li din il-Qorti issibha diffiċli biex temmen. Sussegwentement meta kien ovvju li l-akkużat ma kienx qed jitwemmen f'dak li kien qiegħed jgħid, huwa sar aggressiv fl-atteġġjament tiegħu, beda jsabbat fuq il-mejda u kien f'dan il-punt li imbagħad indirizza fid-direzzjoni ta' Gilbert Haber kliem fis-sens li *"jekk kien se jeħel one cent fuq il-pappagall int ħa teħel miegħi . . . . jekk jiġrilu xi ħaġa missieri li għadu kif għamel bypass nitħnek . . . . u nkellem lil min għandi nkellem u tinsewh ix-xogħol."* Għal Qorti dan il-kliem ma jistax ħlief li jiġi

klassifikat bħala kliem ta' theddid fil-konfront tal-uffiċjal in kwistjoni. Żgur li tali diskors ma jistax jiġi klassifikat bħala xi konversazzjoni normali jew bħala kliem li kien qed juri sempliċi nuqqas ta' qbil ma' dak li kien qiegħed jingħad. Għall-Qorti huwa ċar li d-diskors li intqal kien tali biex jipprova joħloq pressjoni fuq Gilbert Haber biex dan ma jkomplix bix-xogħol tiegħu u dan billi jnissel f'Haber biża' li seta' jkun hemm konsegwenzi għalih propju minħabba x-xogħol li huwa kien qiegħed jagħmel dak il-ħin. Dan id-diskors intqal wkoll f'punt fejn l-akkużat sab ruħu dahru mal-ħajt rigward id-dokumentazzjoni li huwa intalab li jipprovdi biex jindika l-provenjenza legali tal-istess pappagall u liema dokumentazzjoni huwa ma kellux.

Id-difiża tipprova tqajjem dubji dwar dak li allegatament seħħ billi isostni li mill-kontro-eżami l-Pulizija li kien preżenti fuq il-post PC 400 Andew Portelli ma ħassx il-bżonn li jintervjeni. Id-difiża pero mhux korretta fuq dan il-punt għaliex fl-affidavit tiegħu l-Pulizija qed jgħid mod ieħor: ***"X'ħin l-ispezzjoni kienet lesta beda jinqala' diżgwid bejn Muscat u l-partijiet l-oħra. Kien hemm wkoll preżenti omm Jonathan, Gemma Muscat u l-mara tiegħu Stephanie Muscat, li bdew jargumentaw wkoll u jien pruvajt nikkalmahom, x'ħin ġibidli l-attenzjoni Gilbert Haber fejn qalli li kien qed jiġi mhedded minn Jonathan Muscat. Għalhekk Jonathan Muscat ingħata struzzjonijiet biex jirraporta l-Għassa r-Rabat, Għawdex fejn il-każ tkompla mill-Ispettur Josef Gauci."[4]***

[4] Fol. 20 tal-proċess.

Id-difiża lanqas ma hija korretta meta tuża s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Alfred Zammit***[5] bħala l-bażi li mhux kull diskors li jingħad lill-uffiċjal huwa neċessarjament ksur ta' din id-disposizzjoni tal-liġi. Fir-realta l-Qorti tal-Appell Kriminali waslet sabiex illiberat lil Zammit mill-akkuża kontemplata taħt l-artikolu 95 għar-raġuni li l-Qorti qieset li: *"għalkemm l-intervent tal-kwerelant kien wieħed lodevoli immirat li jassikura ż-żamma tal-bon ordni fil-ħinijiet barra mir-roster tiegħu, f'dawk il-ftit mumenti ta' konfużjoni u tensjoni ma jidhirx li l-appellant kien konsapevoli li dak l-intervent kien jemani minn uffiċjal tal-Pulizija fil-kwalita' tiegħu ta' uffiċjal pubbliku. Il-konsegwenza ta' dan hi li l-kliem tal-appellant, indipendentement minn jekk dan għalissa jinkwadrax bħala inġurja jew le, ma jidhirx li ntqal b'reazzjoni għal-qadi ta' dmir l-istess l-uffiċjal jew minħabba l-kariga tiegħu bħala uffiċjal pubbliku anke jekk il-kliem tal-appellant altament vulgari u baxx kien jimmerita imputazzjoni ad hoc."*[6] Dan assolutament mhux il-każ hawnhekk għax l-akkużat kif ġia senjalat kien pienament konxju tal-vesti uffiċjali ta' Haber u Attard.

Il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita l-verżjoni mogħtija minn Gilbert Haber anke għaliex l-istess verżjoni ġiet korraborata fid-dettalji kollha mill-uffiċjali l-oħra li kienu preżenti għall-istess spezzjoni u ċioe Maria Attard, Cassie Grech Sciberras u Nicholas Grech. Dawn ix-xhieda kollha jagħtu l-istess dettalji dwar kif svolġa l-istess incident u li kif dan il-kliem

[5] Appell Numru 145/2014 deċiża fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April 2017.
[6] Paġna 7 u 8 tas-sentenza.

ta’ theddid kien dirett fil-konfront ta’ Gilbert Haber. Kif wkoll ikkonfermaw dawn ix-xhieda, it-theddid kien prinċipalment indirizzat lil Haber u ma kienx hemm kliem ta’ theddid fil-konfront ta’ Maria Attard. Infatti kien Gilbert Haber biss li għamel ir-rapport inizjali. Għalhekk l-akkużat sejjer jinstab ħati ta’ din l-ewwel akkuża fil-konfront biss ta’ Gilbert Haber.

Huwa minnu li l-akkużat seta’ kien għaddej minn żminijiet diffiċli minħabba l-istat ta’ saħħa ta’ missieru. Iżda dan bl-ebda mod u manjiera ma kien jintitolah li huwa jġib ruħu bil-mod ta’ kif ġab ruħu mal-istess uffiċjal. Jekk huwa ried jikkontesta dak li kien qed jiġi mitlub, huwa kellu modi oħra kif seta’ jikkontesta dan b’mod legali mingħajr ma jhedded lill-istess uffiċjal.

- **<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9</u>**

Din l-akkuża tirriżulta wkoll fil-konfront ta’ Gilbert Haber waħdu. Dan għaliex kif ġia indikat aktar ’l fuq l-akkużat indirizza kliem ta’ theddid biss fil-konfront ta’ Gilbert Haber. Għall-fini ta’ piena pero din l-akkuża sejra titqies bħala kompriża u involuta fl-ewwel (1) akkuża.

- **<u>It-Tielet (3) Akkuża – Artikolu 84(1)(d) tal-Kap. 549</u>**

It-tielet akkuża hija bażata fuq dak li jistipula l-artikolu 84(1)(d) tal-Kap. 549, l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent. Dan l-artikolu jippunixxi lil

kull min: (d) *"iżomm, jostakola, jhedded, jagħti fastidju jew ifixkel, inkella jipprova jżomm, jostakola, jhedded, jagħti fastidju jew ifixkel, lil xi uffiċjal tal-Awtorità, jew lil qrabatu, jew lil uffiċjal tal-pulizija jew uffiċjal pubbliku, jew uffiċjal ta' xi dipartiment tal-Gvern jew ta' xi entita tal-Gvern jew ta' xi kunsill lokali, fil-qadi ta' dmirijietu skont il-liġi, jew jonqos milli jagħmel dak li raġonevolment jintalab jagħmel minn dik il-persuna kif imsemmi jew milli jgħinha fil-qadi ta' dmirijietha, jew xjentement jagħti lil dik il-persuna informazzjoni falza jew jonqos jew jirrifjuta li jagħti xi informazzjoni meħtieġa għall-għanijiet imsemmija hawn qabel."*

Huwa minnu li mad-daqqa ta' għajn dan l-artikolu jippunixxi lil minn jagħmel theddid fil-konfront ta' uffiċjal tal-Awtorita tal-Ambjent bħalma huwa Gilbert Haber. Madanakollu minn eżami ta' dan l-artikolu fl-intier tiegħu u mhux sempliċiment tal-paragrafu (d) tal-istess, il-Qorti tqis li sabiex tkun tista' tinstab ħtija taħtu **hija neċessarja xi forma ta' azzjoni da parti tal-akkużat li tkun aktar severa u estiża fil-portata tagħha mis-sempliċi theddid li l-leġislatur jippunixxi fl-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta**. Il-Qorti isejjes il-konklużjoni tagħha abbażi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(1) il-piena attribwita għar-reat taħt dan l-artikolu tvarja minn minimu ta' elf u ħames mitt ewro (€ 1,500) sa żewġ miljuni u ħames mitt elf ewro (€ 2,500,000);

(2) fit-tieni lok b'riferenza għar-reat taħt il-paragrafu (d), il-leġislatur jistabilixxi li jekk ir-reat ikompli għal aktar minn tlett xhur ikun hemm wkoll terminu ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur u mhux iżjed minn tliet snin. Dan allura jindika li l-leġislatur ma jridx jinkrimina nuqqas jew aġir sporadiku – liema nuqqas jew aġir jista' faċilment jiġi punit taħt l-artikoli ġenerali tal-Kodiċi Kriminali – iżda irid jippunixxi aġir li jipprolunga ruħu għal terminu ta' żmien jew li inkella jsir b'mod ripetut fuq bażi regolari, tant li l-leġislatur qed jimponi pieni ta' ħabs jekk ir-reat ikompli għall-aktar minn tliet (3) xhur;

(3) jidher wkoll li r-reati kontemplati f'dan l-artikolu jridu jsiru f'kuntest fejn jew għandek xogħlijiet li jkunu saru mingħajr awtorizzazzjoni tal-Awtorita tal-Ambjent jew inkella bi ksur tal-kundizzjonijiet li għalihom kienet soġġetta dik l-awtorizzazzjoni u l-istess uffiċjali jaġixxu in konnessjoni ma' dawn in-nuqqasijiet. Dan joħroġ mill-*proviso* li hemm għal dan l-istess artikolu, liema proviso jistabilixxi li: *"Iżda, u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 69(6) u l-artikolu 78 u mingħajr preġudizzju għall-ogħla multa stabbilita hawn qabel,* ***l-inqas multa li min jikkommetti reat jista' jeħel taħt dan l-artikolu m'għandhiex tkun inqas mill-valur tax-xogħlijiet li jkunu saru mingħajr awtorizzazzjoni jew bi ksur tal-kundizzjonijiet ligħalihom kienet soġġetta dik l-awtorizzazzjoni****."*

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti ma tqis li inċident li skaturixxa mill-fatt li l-akkużat ma kellux fil-pussess tiegħu dokumenti rigwardanti pappagall protett, liema inċident wassal sabiex sar theddid fil-konfront ta’ Gilbert Haber u liema inċident dam biss ftit minuti, jista’ jammonta għal reat taħt dan l-artikolu. Għalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-akkużat minn din l-akkuża.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tat-tielet (3) akkuża u ċioe dik konċernanti l-allegat ksur tal-artikolu 84(1)(d) tal-Kap. 549 tal-Liġijiet ta’ Malta u qed tilliberah minnha;

(b) wara li rat l-artikoli 17, 95, 339(1)(e) tal-Kap. 9 qiegħda issib **<u>lill-akkużat ħati tal-ewwel (1) akkuża in kwantu biss huwa inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta’ Gilbert Haber</u>** li kien inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz iżda mhux qed issibu ħati li huwa għamel l-istess fil-konfront tal-uffiċjal Maria Attard; **<u>kif wkoll qed issibu ħati tat-tieni (2) akkuża in kwantu biss huwa inġurja jew hedded lill-istess uffiċjal Gilbert Haber</u>** iżda mhux qed issibu ħati li huwa

inġurja jew hedded lil Maria Attard u qed tikkundannah għall-ħlas ta’ multa komplessiva ta’ **elf ewro (€ 1,000)**.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex tipprovdi għas-sigurta ta’ Gilbert Haber kif ukoll sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku qiegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta’ sena u dan taħt penali ta’ elf ewro (€ 1,000).

(ft) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Ghar-Reġistratur